MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2013

Avviz Numru. 358/2010

**Globalair Limited**

**Vs**

**Hugh Mark Hunt**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Globalair Limited fis-6 ta' Ottubru 2010 permezz ta' liema titlob li Hugh Mark Hunt jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' hdax-il elf u tnejn u sittin Euro u hamsa u sittin centezmu (€11,062.65) rapprezentanti zewg fatturi, wahda datata 23 ta' Gunju 2010 ghal servizzi ta' akkomodazzjoni fil-Hilton Hotel bejn is-26 ta' Mejju 2010 u l-20 ta' Gunju 2010 u ohra datata 22 ta' Gunju 2010 ghall-biljetti ta' l-ajru akkwistati minn Hugh Mark Hunt, bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-istess Hugh Mark Hunt;

Rat li b'Digriet datat 14 ta' Marzu 2012 gie nominat l-Avukat Dottor Mark Mifsud Cutajar bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lil Hugh Mark Hunt izda waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2013 deher Hugh Mark Hunt personalment illi ddikjara li qed jghix b'mod permanenti Malta u ghaldaqstant assuma l-atti tal-kawza f'ismu;

Rat r-Risposta ta' Hugh Mark Hunt ipprezentata fit-23 ta' Jannar 2013 permezz ta' liema jeccepixxi li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li bejnu u s-socjetà attrici ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika;

Rat l-affidavit ta' James Bugeja u d-dokumenti annessi mieghu esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fil-11 ta' Ottubru 2012 a fol. 50 sa' 56 tal-process;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tas-17 ta' Jannar 2013[1] u tat-18 ta' Marzu 2013[2];

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €11,062.65 rapprezentanti l-import ta' zewg fatturi, wahda datata 23 ta' Gunju 2010 ghal servizzi ta' akkomodazzjoni fil-Hilton Hotel bejn is-26 ta' Mejju 2010 u l-20 ta' Gunju 2010 u ohra datata 22 ta' Gunju 2010 ghal biljetti ta' l-ajru akkwistati mill-konvenut. Il-konvenut jilqa' ghat-talba tas-socjetà attrici bl-eccezzjoni li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma ghandu ebda relazzjoni guridika maghha.

Mix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2013[3] u t-18 ta' Marzu 2013[4] jirrizulta li huwa

[1] Fol. 63 u 6 tal-process.
[2] Fol. 67 sa' 70 tal-process.

jikkontendi li l-ammonti pretizi mis-socjetà attrici ma humiex dovuti minnu f'ismu personali izda mis-socjetà Gulf Finance Limited li fiz-zmien in kwistjoni kien Direttur taghha. Dak affermat mill-konvenut però jinsab ghal kollox kontradett mill-provi prodotti mis-socjetà attrici. Jibda biex jigi osservat li l-ammonti rapprezentanti l-import tal-fatturi mertu ta' dawn il-proceduri (€10,630 u €432.65 rispettivament), liema fatturi inhargu f'isem il-konvenut[5], u l-ammont komplessiv li jirrizulta minn rendikont tal-konvenut mahrug mis-socjetà attrici[6] (€11,062.65), jinsabu accettati u kkonfermati mill-istess konvenut. In effetti fuq kull wiehed minn dawn id-dokumenti hemm imnizzel *amount confirmed and accepted by Mark* Hunt, bl-imsemmija dikjarazzjoni debitament iffirmata. Li dawn huma dikjarazzjonijiet maghmula mill-konvenut f'ismu personali u li l-firma tahthom hija tieghu gie ikkonfermat mill-konvenut innifsu meta kien qed jixhed in kontro-ezami waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2013.

Il-konvenut jipprova jiggustifika l-fatt li huwa jidher li ffirma l-imsemmija dokumenti f'ismu personali billi jikkontendi li *it was handwritten and it should have been replied to by our official letterhead, I was then chairman of Gulf Finance*. Din il-kontestazzjoni però hija kompletament fieragh u bl-ebda mod ma tista' tezonera lill-konvenut mir-responsabiltà minnu evidentement assunta meta f'ismu personali ffirma li qed jikkonferma u jaccetta l-ammonti ta' €10,630 u €432.65 rispettivament, komplessivament ammontanti ghal €11,062.65. Il-konvenut ulterjorment jallega li ghalkemm imsemmija fatturi inhargu f'ismu personali huwa kien gibed l-attenzjoni tas-socjetà attrici li l-istess kellhom jinhargu f'isem is-socjetà Gulf Finance Limited, izda meta mitlub jipproduci korrispondenza f'dan is-sens huwa hareg bl-iskuza li *I don't have it in my hands but I have not been in contact with Gulf Finance for a long time, some considerable time and there have been disputes with the directors so I would have to obviously find out where he is and seek and retrieve the*

---

3 Fol. 63 u 64 tal-process.
4 Fol. 67 sa' 70 tal-process.
5 Fol. 53 u 54 tal-process.
6 Fol. 52 tal-process.

*documentation. I haven't spoken to the director for a considerable amount of time*[7]. Nonstante dak minnu affermat fir-rigward ta' l-ezistenza ta' din l-allegata korrispondenza, il-konvenut naqas milli b'mod dirett jew billi jharrek lir-rapprezentant attwali tas-socjetà Gulf Finance Limited, jesebixxi tali korrispondenza.

Fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-fondatezza ta' l-eccezzjoni tal-konvenut ghat-talba attrici huwa l-pagament akkont li gie effettwat fil-mori tal-proceduri li jaghmel referenza ghalih James Bugeja, Direttur tas-socjetà attrici, fl-affidavit tieghu[8]. Fl-affidavit tieghu James Bugeja jghid li l-ammont attwalment dovut mill-konvenut lis-socjetà attrici huwa ta' €5,062.65 stante li *fil-mori ta' din il-kawza l-intimat* – ossia Hugh Mark Hunt – *hallas sitt elef Euro. Diversi drabi huwa wieghed li ser ihallas il-bilanc dovut però huwa baqa' inadempjenti*. Din l-affermazzjoni ta' James Bugeja ma gietx respinta jew kontradetta mill-konvenut li invece meta rinfaccjat bil-pagament li gie effettwat kull ma rrisponda fir-rigward hu *it's a considerable time ago, its at least two years ago. Subsequent to that, I was led to believe that the director of Gulf Finance had been discharged. ... I was made to believe that a payment was to be made by the fellow director of Gulf Finance Mr. Mangion who was an accountant, I was not to take a very active part of Gulf Finance for some considerable time, I was told repeatedly that all outstanding liabilities had been discharged*[9], izda f'dan ir-rigward ukoll huwa naqas milli jressaq prova konkreta u sodisfacenti in sostenn ta' dak minnu allegat.

Fil-fehma tal-Qorti ladarba l-konvenut f'ismu personali kkonferma w accetta l-ammonti pretizi mis-socjetà attrici bil-fatturi rispettivament datati 22 ta' Gunju 2010 u 23 ta' Gunju 2010 u anke kif indikati fir-rendikont mahrug mis-socjetà attrici u ma ressaq ebda prova li sodisfacentement teghleb dak li jirrizulta mill-istess dokumenti, huwa l-konvenut li hu responsabbli ghall-hlas. Din ir-responsabiltà giet ulterjorment ikkonfermata bil-hlas

[7] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2013, fol. 67 sa' 70 tal-process.
[8] Fol. 51 tal-process.
[9] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2013, fol. 67 sa'70 tal-process.

akkont ta’ €6,000 effettwat fil-mori ta' dawn il-proceduri u m'hemmx dubju ghalhekk li l-bilanc ta' €5,062.65 li ghadu dovut lis-socjetà attrici huwa dovut minnu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tilqa’ t-talba attrici limitatament ghall-bilanc attwalment dovut, ossia ghas-somma ta’ €5,062.65, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €5,062.65, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza, in kwantu ma jirrizultax meta gie effettwat il-hlas tas-somma ta’ €6,000, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------